**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 8 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 984/2009 AF**

**John Coleiro u Grace Coleiro f'isimhom proprju u f'isem Right Productions Limited**

**vs**

**Louise Cutajar u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2010 il-Qorti tordna li jizdiedu l-kliem "f'isimha personali" u Etienne Borg f'isem is-socjetà House of Tuning (HOT) Limited (C-42675)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi John Coleiro u Grace Coleiro f'isimhom proprju u f'isem Right Products Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti kien jikri l-fond 24B u 25 gewwa Triq il-Gzira, Gzira li kien maghruf bhala "Car Classics", illum maghruf bhala House of Tuning u dana minghand is-sid attwali Marthese Brincat.

L-esponenti ma xtaqx ikompli fil-kera tal-imsemmi fond, u b'kuntratt datat 29 ta' Ottubru 2007 l-esponenti ceda u assenja l-kirja ta' dan il-fond favur il-konvenuta Louise Cutajar versu s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u erba' u tletin Ewro u disa' u disghin centezmu (€18,634.99), pagabbli fi hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u seba' u tmenin centezmu (€11,646.87) mal-approvazzjoni ta' *overdraft* favur il-konvenuta Louise Cutajar u dana sal-Gimgha 2 ta' Novembru 2007, u l-bilanc ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) pagabbli fi tlett pagamenti ta' elfejn u tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37) u dan flimkien mal-imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) pagabbli fuq ir-rata tal-kapital, dan skond Dokument "A".

Il-konvenuta Louise Cutajar baqghet qatt ma hallset l-imsemmija pagamenti hekk minnha dovuti.

Inoltre l-esponenti Right Products Limited forniet lill-konvenuti b'merkanzija u dana f'forma ta' stock u oggetti li kienu jinstabu fl-imsemmi hanut meta l-kirja tal-istess giet assenjata lill-konvenuta Louise Cutajar fl-ammont ta' €37,988.79 ghal liema stock u oggetti l-konvenuti baqghu ma hallsux.

L-inventarju tal-imsemmija stock jinstab indikat fid-Dokument "B" hawn anness u l-invoices relattivi ghall-istess qed jigu mmarkat Dokument "C".

L-esponenti jiddikjaraw li sa fejn jafu huma, l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet fil-ligi x'jaghti kontra din it-talba.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

(a) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Tiddikjara li l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tal-atturi, ghall-ammont ta' €44,976.91.

(c) Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom iħallsu l-ammont imsemmi dovut lill-atturi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1504/09 ipprezentat fl-4 ta' Settembru 2009, kontra l-konvenuti li minn issa ngunti għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Ottubru 2010 li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi kif dedotti bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2015 li permezz tagħha rrevokat il-provvediment li permezz tiegħu l-ewwel Qorti ppostponiet il-kawża biex tiddeċidiha skont l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12, irrevokat u ħassret is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010 u ordnat li l-atti jerġgħu jintbagħtu quddiem din il-Qorti sabiex il-konvenuti jingħataw żmien jippreżentaw risposta ġuramentata u biex il-kawża tinstema' skont il-liġi.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti presjeduta biex tkompli tinstema' u tinqata'.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Louise Cutajar li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-bilanc li ghadu dovut ai termini tal-iskrittura datata 29 ta' Ottubru 2007, ammontanti ghal €6988.12 (sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu) l-intimata qed tammetti t-talba.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-hlas tal-istock fl-ammont ta' €37,988.79 (sebgha u tletin elf disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u disa' u sebghin centezmu) fil-konfront taghha, din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi hija qatt ma xtrat xejn minghand l-atturi u kwalunkwe negozju fir-rigward tal-istock, l-atturi kienu ghamluh mas-socjetà House of

Tuning (HOT) Limited. Ghalhekk f'dan ir-rigward l-ebda ammont mhu dovut lir-rikorrenti minghand l-intimata.

Il-fatt hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ingunt in subizzjoni.

Rat illi minkejja li debitament notifikata, is-soċjetà konvenuta House of Tuning (HOT) Limited ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontriha.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom iħallsu s-somma ta' €44,976.91, rappreżentanti pagament dovut skont skrittura ta' ċessjoni ta' kirja u ħlas għall-merkanzija fornita.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien jikri fond ġewwa l-Gżira magħruf bħala 'Car Classics'. Is-soċjetà attriċi, li tagħha huwa direttur, kienet tiġġestixxi negozju konsistenti fil-bejgħ ta' aċċessorji tal-vetturi. Dan in-negozju kien ġestit mill-imsemmi fond kif ukoll minn fond ieħor band'oħra. Peress illi ma xtaqx ikompli fil-kirja tal-fond tal-Gżira, l-attur ċeda l-kirja favur il-konvenuta Louise Cutajar permezz skrittura datata 29 ta' Ottubru 2007. F'din l-iskrittura ġie miftiehem illi l-attur kien qiegħed iċedi l-kirja tal-ħanut lill-konvenuta '*versu s-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000), pagabbli kwantu għal ħamest elef lira (Lm5,000) appena tiġi approvata l-Overdraft tal-akkwirenti, sa l-Ġimgħa, 2 ta' Novembru 2007, u l-bilanċ ta' Lm3,000 f'tliet pagamenti ta' mhux inqas minn Lm1,000 kull*

*sena, l-ewwel pagament fi żmien sena mill-ħlas tal-Lm5,000, flimkien mal-imgħax ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) dekorribbli mid-data tal-ħlas ta' Lm5,000 u pagabbli ma' kull rata tal-kapital.'* Fuq l-iskrittura deher ukoll Etienne Borg f'isem is-soċjetà konvenuta House of Tuning (HOT) Limited sabiex jiggarantixxi l-obbligi ta' Louise Cutajar. Jirriżulta li meta l-attur ċeda l-kirja favur il-konvenuta, fil-ħanut kien hemm merkanzija konsistenti fi *stock* u oġġetti oħra li tagħhom l-attur qatt ma tħallas.

Il-konvenuta ammettiet it-talba għal dak li għandu x'jaqsam mal-bilanċ pendenti ta' €6988.12 dovut fuq l-iskrittura tad-29 ta' Ottubru 2007. Għal dak li jirrigwarda t-talba għall-ħlas ta' *stock* u oġġetti oħra, il-konvenuta teċċepixxi li hija qatt ma xtrat xejn mingħand l-atturi stante li kwalunkwe negozju dwar din il-merkanzija l-atturi kienu għamluh mas-soċjeta konvenuta u mhux magħha.

Minkejja li debitament notifikata, is-soċjetà konvenuta baqgħet kontumaċi. Madanakollu, huwa magħruf li l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et deċiża fit-22 ta' Gunju, 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri:

> *"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35."*

Din il-kawża tistrieħ prinċipalment fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel fuq id-deposizzjonijiet tagħhom.

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 ta' Ottubru 2003:

*"Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo""*.

Il-konflitt tal-provi huma xi ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).

Fil-kawża odjerna, l-attur jikkontendi li mal-konvenuti kien ftiehem illi huma kellhom jagħżlu l-merkanzija li jridu jżommu u jħallsuh tagħha. Għalhekk, sar inventarju tal-oġġetti li kienu ser jibqgħu fil-ħanut u sussegwentement huwa ħareġ numru ta' fatturi għall-ħlas. Ikompli billi jgħid illi dawn il-fatturi ħariġhom fuq is-soċjetà konvenuta għaliex din biss kellha VAT number.

L-attur jgħid illi l-konvenuti baqgħu ma ħallsux il-bilanċ ta' €6988.12 dovut fuq l-iskrittura ta' ċessjoni tal-kirja u lanqas għall-*istock u* oġġetti oħra li kienu fil-ħanut. Ikompli billi jgħid li huwa beda jinkwieta li mhux ser jitħallas meta sar jaf mingħand terzi li l-konvenuti kienu qegħdin iżarmaw il-ħanut bil-moħbi tiegħu. Għalhekk, huwa mar il-ħanut fejn sab lil Etienne Borg li qallu li kien ser iċempillu biex imur ħa jieħu l-

merkanzija lura għaliex il-ħanut kienu ser jagħlquh. Madanakollu, iżid jgħid li qatt ma sema' mingħandu u qatt ma rnexxielu jerġa jikkomunika mal-konvenuti.

Skont l-attur, il-konvenuti kemm il-darba kienu qalulu li Borg ma kellux il-mezzi u li għalhekk il-konvenuta Louise Cutajar kienet toħroġ il-flus kollha għan-negozju. Fil-fatt, huwa esebixxa kopja ta' ċekk maħruġ lilu mill-konvenuta, liema ċekk il-konvenuta kkonfermat l-awtentiċità tiegħu. L-attur għalhekk jispjega li l-flus dejjem kien jirċevihom mingħand il-konvenuta li ċertament kienet parti fil-ġestjoni tan-negozju. L-attur jinsisti li l-konvenuta kienet sikwit tkun il-ħanut u dejjem kienet tkun preżenti meta jsir xi negozju.

L-attur ippreżenta kopja tal-memorandum u l-istatut tas-soċjetà konvenuta minn fejn jirriżulta li meta ġiet kostitwita l-kumpannija fl-24 ta' Ottubru 2007, il-konvenuta Louise Cutajar kienet direttur flimkien ma' Etienne Borg. Hija rriżenjat mill-kariga fit-30 ta' Jannar 2010.

L-atturi ressqu lill-konvenut sabiex jixhed dwar il-ftehim li kellhom il-partijiet. Huwa ikkonferma li kien qiegħed jagħraf il-firma tiegħu fuq l-inventarju u l-fatturi annessi mar-rikors promotur, speċifikament li dawn kienu l-fatturi li kien joħroġ l-attur. Huwa jgħid li l-ħanut kien ħadu flimkien mal-konvenuta Louise Cutajar. Madanakollu jinsisti li l-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi l-merkanzija li kien hemm fil-ħanut kellha tinbiegħ *on consignment* u li allura l-attur kellu jitħallas wara li tinbiegħ il-merkanzija filwaqt li l-oġġetti li ma jinbiegħux kellu jeħodhom lura. Ikompli billi jgħid illi kien l-attur li qatt ma mar u ħa l-merkanzija li ma kienitx inbiegħet u li hu u l-konvenuta kienu għalhekk krew garaxx sabiex jerfgħu l-merkanzija fiha imma kien far id-drenaġġ u l-merkanzija nqerdet.

Il-Qorti tibda billi ttenni li f'dawn il-proċeduri l-konvenut nomine huwa kontumaċi. L-allegazzjoni tiegħu li l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' bejgħ *on consignment* kellha ssir permezz ta' eċċezzjoni formali kif trid il-liġi tal-proċedura.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-partijiet ftehmu li l-merkanzija tal-ħanut kellha tinbiegħ *on consignment*. Dan

prinċipalment għaliex il-konvenut ma jikkontestax il-fatturi esibiti mill-attur, anzi jgħid li dawn kien qiegħed jagħrafhom bħala l-fatturi li kien joħroġ l-attur u li fuqhom kien qiegħed jagħraf ukoll il-firma tiegħu. Mhuwiex verosimili li l-attur kien ser joħroġ dawn il-fatturi, jew li l-konvenut kien se jiffirma għalihom, kieku l-ftehim kien li l-merkanzija kellha l-ewwel tinbiegħ sabiex l-attur jitħallas.

Il-Qorti hija mħassba wkoll dwar il-verżjoni tal-konvenut dwar x'sar minnha l-merkanzija wara li għalqu l-ħanut. Dan għaliex minkejja li jibda billi jgħid illi l-merkanzija li kien għad baqa' kienet inqerdet, aktar tard jikkontradixxi ruħu meta jgħid li l-affarijiet li kien għad baqa' kien biegħhom lill-ħwienet, li ma jiftakarx jekk kienx biegħ *stock* mill-ħanut u saħansitra anke li dan kien *stock* antik u ma setax ibiegħu. Fl-aħħar jgħid li jidhirlu li kien għad fadal xi ħaġa mill-i*stock* imma ma jagħti l-ebda spjegazzjoni għalfejn ma raddx lura din il-merkanzija lill-attur jew x'sar minnha. Jekk il-merkanzija ma ġietx ritornata lill-attur, huwa dovut il-ħlas tagħha.

Il-konvenuta teċċepixxi biss li hija m'għandha xejn xi tħallas lill-atturi għaliex in-negozju dwar il-merkanzija sar mal-konvenut għan-nom tal-kumpannija u mhux magħha personali. Minkejja li l-konvenuta tgħid ukoll illi l-i*stock* kien fornit fuq bażi ta' bejgħ *on consignment*, hija ma ressqet l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens u kif diġa ntqal, din il-Qorti tqis li ma ntwerix li l-merkanzija ngħatat fuq din il-bażi. Il-konvenuta tkompli billi tgħid illi hi qatt ma ntrabtet personalment sabiex tħallas għall-merkanzija għaliex kienet is-soċjetà konvenuta li qiegħda tiġġestixxi n-negozju. X'sar mill-merkanzija wara li għalaq il-ħanut tgħid illi ma tafx.

Il-Qorti tinnota li c-cessjoni tal-kirja saret minn Louise Cutajar personalment. Hija tammetti illi skond l-iskrittura hija debitrici tal-atturi fis-somma ta' €6988.12. Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ma ppruvawx ir-responsabbilità ta' Louise Cutajar ghall-hlas tal-merkanzija. Il-fatt illi gieli ghamlet pagamenti personalment m'ghandux iwassal biex jirrendiha responsabbli ghall-hlas tad-dejn. Mhuwiex kontestat illi f'dak iz-zmien Etienne Borg u Louise Cutajar kienu f'relazzjoni personali. Mhuwiex kontestat illi hija kienet tippartecipa fil-

gestjoni tan-negozju. Madanakollu, jirrizulta illi kwazi l-invoices kollha li dwarhom qed jigi mithlub hlas jirrigwardaw House of Tuning hlief ghal xi uhud li huma mmarkati bhala Client: Etienne. Wiehed ragonevolment jassumi li dan jirreferi ghal Etienne Borg. Ma jirrizultax pruvat l-involviment ta' Louise Cutajar fix-xiri tal-merkanzija. Jirrizulta pruvat illi l-merkanzija nxtrat mis-socjetà.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba fis-sens illi tiddikjara illi Louise Cutajar hija debitrici tal-atturi biss fl-ammont ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6988.12c) u Etienne Borg f'isem is-socjetà House of Tuning huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' erba' u erbghin elf disa' mija u sitta u sebghin Ewro u wiehed u disghin centemzi (€44,976.91c); tilqa' t-tielet talba b'dana illi tikkundanna lil Louise Cutajar thallas lill-atturi l-ammont ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6988.12c) u tikkundanna lil Etienne Borg f'isem is-socjetà House of Tuning (HOT) ihallas lil-atturi l-ammont ta' erba' u erbghin elf disa' mija u sitta u sebghin Ewro u wiehed u disghin centemzi (€44,976.91c).

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu kwantu ghal 1/6 li jithallsu minn Louise Cutajar u 5/6 jithallsu minn Etienne Borg f'isem is-socjetà House of Tuning (HOT) Limited.

IMHALLEF

DEP/REG